**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 15 ta' Jannar, 2002**

**Numru 9**

**Avviz numru 1298/01JR**

**Lawrence u Dorothy Cachia**

**vs**

**Patrick Cutajar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u erbghin lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (Lm48.38), kwantu ghal dsatax-il lira u tmienja u tletin centezmu (Lm19.38) konsum ta' elettriku sal-10 ta' Marzu, 2001 fil-fond No.1, Flat 1, Cervjola Street, Marsascala, mikri lill-konvenut mill-atturi u kwantu ghal disgha u ghoxrin lira (Lm29.00) spejjez sborsati mill-attur sabiex isewwi bieb li tkisser mill-konvenut htija tieghu;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax inkluzi l-ittri tas-26 ta' Marzu, 2001 u tat-2 ta' Awissu, 2001;**

**Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta pero` deher fis-seduta tat-23 ta' Novembru, 2001 u ddikjara li l-ammont mhux dovut.**

**Semgha x-xhieda ta' Lawrence Cachia, Patrick Cutajar, u Maria Ellul. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz in ezami jikkoncerna zewg talbiet separati, wahda ghall-konsum ta' l-elettriku sal-10 ta' Marzu, 2001 u dana fl-ammont ta' dsatax-il lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (lm19.38), u l-ohra ghad-danni li l-attur qed jallega li l-konvenut ghamel fil-bieb tal-bejt, u li jammontaw ghall-disgha u ghoxrin lira Maltija (Lm29.00).**

2. **Dwar min ikkaguna il-hsara fil-bieb meta dana thalla miftuh, hemm xhieda konfliggenti, dwar jekk il-konvenut kienx fuq jew isfel. Minbarra dan ghandu jinghad ukoll li l-attur kien ukoll jaghmel uzu mill-imsemmi bieb. Il-principju hu li min jallega jrid jipprova, u t-Tribunal hu tal-fehma li f'dan il-kaz ghall-dak li jirrigwardaw id-danni**

**fil-bieb ma giex pruvat li tali danni gew kawzati minhabba xi negligenza da parti tal-konvenut.**

3. **Dwar il-kont ta' l-elettriku jirrizulta li hemm meter wiehed ghall-zewg appartamenti, sitwazzjoni xejn felici. Pero` jirrizulta fir-rigward li l-attur kien jaghmel allowance ghall-appartament l-iehor, u fil-prijodu in kwistjoni l-appartament l-iehor kien intuza ghall xi hmistax-il guranata biss. Jirrizulta li l-kont precedenti kien thallas kollu mill-konvenut, li ma kienx oggezzjona. L-istess Maria Ellul xehedet li l-attur jikkalkula l-ammont ghall-elettriku li ghandu ihallas il-konvenut. Ghaldqastant hemm provi sufficenti fir-rigward li jindikaw li l-ammont mitlub ghall-elettriku kien dovut mill-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitament fis-somma ta' dsatax-il lira Maltija u tmienja u tletin centezmu (lm19.38), ghall-konsum ta' elettriku sal-10 ta' Marzu, 2001, bl-imghaxijiet legali fuq l-istess dekorribbli mil-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi l-ittri tas-26 ta' Marzu, 2001 u tat-2 ta' Awissu, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**